Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,592, 26 ta' Frar, 2026

Taqsima B

A.L. 50 tal-2026

ATT DWAR IL-BASTIMENTI MERKANTILI
(KAP. 234)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA
(KAP. 499)

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA
(KAP. 545)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 374 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u bl-artikolu 37 tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru responsabbli għall-bastimenti u għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-Ministru responsabbli għas-servizzi tal-enerġija u l-ilma, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali" L.S. 545.18.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jittrasponi l-punti 8 u 9 tal-Artikolu 2(2), il-paragrafi (1) u (2) tal-Artikolu 4 u tal-Anness I u l-Anness II tad-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE, kif emendati bid-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "bastiment tal-gwerra" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "bijokarburanti" tfisser karburant likwidu għat-trasport prodott mill-bijomassa;";

(b) it-tifsira "EN 228:2004" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "EN 228:2012+A1:2017" tfisser ir-rekwiżiti u l-metodi ta' ttestjar speċifikati mill-European Committee for Standardization f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-petrol mingħajr ċomb għall-użu awtomotiv;";

(ċ) it-tifsira "EN 590:2004" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "EN 590:2013+A1:2017" tfisser ir-rekwiżiti u l-metodi ta' ttestjar speċifikati mill-European Committee for Standardization f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-karburanti diesel għall-użu awtomotiv;";

(d) it-tifsira "fornitur" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "fornitur" tfisser entità li tforni l-karburant lis-suq li hija responsabbli biex tgħaddi l-karburant minn punt tad-dazju tas-sisa, jew fejn ma jkun dovut l-ebda dazju tas-sisa, jew fejn debitament ġustifikata, kwalunkwe entità rilevanti oħra hekk identifikata;".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Il-fornituri għandhom iqiegħdu fis-suq tad-diesel li jkollu kontenut ta' estermetil aċidiku xaħmi (FAME) ta' mhux aktar minn sebgħa fil-mija (7%). Kwalunkwe persuna li tqiegħed fis-suq karburanti diesel għandha tiżgura li tagħti tagħrif adatt lill-konsumaturi dwar il-kontenut ta' bijokarburanti partikolarment tal-kontenut FAME.";

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Żjut tal-gass maħsuba li jintużaw minn makkinarju li ma jinġarrx fit-triq, inklużi bastimenti għall-passaġġi tal-ilma interni, tratturi agrikoli u forestali u minn

inġenji rikreattivi għandhom jinbiegħu, jiġu offruti għall-bejgħ, jew li xort'oħra jitqiegħdu fis-suq biss jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk iż-żjut tal-gass ma jkunx jeċċedi 10 mg/kg. Il-karburanti likwidi għajr dawk iż-żjut tal-gass jistgħu jintużaw f'bastimenti għall-passaġġi tal-ilma interni u dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni biss jekk il-kontenut ta' kubrit f'dawk il-karburanti likwidi ma jeċċedix il-kontenut massimu permissibbli ta' tali żjut tal-gass.".

Jemenda r-regolament 6 - tar-regolamenti prinċipali.

4. Is-subregolament (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għandu jimmonitorja l-konformità mar-rekwiżiti tar-regolamenti 4 u 5, dwar petrol u karburanti diesel, abbażi tal-metodi analitiċi msemmija fl-Ewwel u t-Tieni Skedi rispettivament. Ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għandu jimmonitorja l-konformità:

(a) fir-rigward tal-petrol abbażi tal-metodi analitiċi msemmija fl-istandard EN 228:2012+A1:2017;

(b) fir-rigward tal-karburanti diesel abbażi tal-metodi analitiċi msemmija fl-istandard EN 590:2013+A1:2017;

(ċ) fir-rigward taż-żjut tal-gass maħsuba li jintużaw minn makkinarju li ma jinġarrx fit-triq, tratturi agrikoli u forestali u minn inġenji rikreattivi abbażi tal-metodi analitiċi msemmija fl-istandard EN ISO 8754.".

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) in-nota fil-qiegħ tal-paġna 1 għandha tiġi sostitwita bin-nota fil-qiegħ tal-paġna ġdida li ġejja:

"1 Il-metodi tal-ittestjar għandhom ikunu dawk speċifikati f'EN 228:2012+A1:2017. L-awtorità kompetenti tista' tadotta l-metodu analitiku speċifikat minflok l-istandard EN 228:2012+A1:2017 jekk ikun jista' jintwera li jipprovdi għall-inqas l-istess eżattezza u għall-inqas l-istess livell ta' preċiżjoni bħall-metodu analitiku li jkun qed jissostitwixxi.";

(b) in-nota fil-qiegħ tal-paġna 2 għandha tiġi sostitwita bin-nota fil-qiegħ tal-paġna ġdida li ġejja:

"2 Il-valuri kkwotati fl-ispeċifikazzjoni huma "valuri reali". Fl-istabbiliment tal-valuri ta' limitu tagħhom, it-termini ta' EN ISO 4259–1:2017/A1:2021 "Petroleum and related products — Precision of measurement methods and results – Part 1: Determination of precision data in relation to methods of test" ġew applikati u sabiex jiġi ffissat valur minimu, tqieset differenza minima ta' 2R 'il fuq miż-żero (R = riproduċibbiltà). Ir-riżultati tal-kejl individwali għandhom ikunu interpretati abbażi tal-kriterji deskritti f'EN ISO 4259-2:2017/A1:2019.";

(ċ) in-nota fil-qiegħ tal-paġna 5 għandha tiġi sostitwita bin-nota fil-qiegħ tal-paġna ġdida li ġejja:

"(5) Monoalkoħols u eteri oħra b'punt finali ta' togħlija li ma jkunx ogħla minn dak iddikjarat f'EN 228:2012 +A1:2017.".

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fit-tabella "SPEĊIFIKAZZJONIJIET AMBJENTALI GĦAL ŻJUT FIS-SUQ BIEX JINTUŻAW MINN VETTURI EKWIPPAĠĠATI B'COMPRESSION-IGNITION ENGINES" l-entrata:

"Kontenut tal-ester metil aċidiku xaħmi (FAME)[8]	%v/v	-	7.0[3]"

għandha tiġi sostitwita bl-entrata ġdida li ġejja:

"Kontenut tal-ester metil aċidiku xaħmi (FAME)[8]	%v/v	-	10.0[3]"

(b) in-nota fil-qiegħ tal-paġna 6 għandha tiġi sostitwita bin-nota fil-qiegħ tal-paġna ġdida li ġejja:

"6 Il-metodi tal-ittestjar għandhom ikunu dawk speċifikati f'EN 590:2013+A1:2017. L-awtorità kompetenti tista' tadotta l-metodu analitiku speċifikat minflok l-istandard EN 590:2013+A1:2017 jekk ikun jista' jintwera li jipprovdi għall-inqas l-istess eżattezza u għall-inqas l-istess livell ta' preċiżjoni bħall-metodu analitiku li jkun qed jissostitwixxi.";

(ċ) in-nota fil-qiegħ tal-paġna 7 għandha tiġi sostitwita

bin-nota fil-qiegħ tal-paġna ġdida li ġejja:

"7 Il-valuri kkwotati fl-ispeċifikazzjoni huma "valuri reali". Fl-istabbiliment tal-valuri ta' limitu tagħhom, it-termini ta' EN ISO 4259–1:2017/A1:2021 "Petroleum and related products — Precision or measurement methods and results – Part 1: Determination of precision data in relation to methods of test" ġew applikabbli u sabiex jiġi ffissat valur minimu, tqieset differenza minima ta' 2R 'il fuq miż-żero (R = riproduċibbiltà). Ir-riżultati tal-kejl individwali għandhom ikunu interpretati abbażi tal-kriterji deskritti f'EN ISO 4259-2:2017/A1:2019.".